REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 403/2010

tal-10 ta' Mejju 2010

li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Tarta de Santiago (IĠP)]

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 tal-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 7(4), l-ewwel subparagrafu tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, it-talba minn Spanja biex id-denominazzjoni "Tarta de Santiago" tiddaħħal fir-reġistru, ġiet ippubblikata *f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* [2].

(2) Ladarba l-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda dikjarazzjoni ta' oġġezzjoni skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, din id-denominazzjoni għandha tiġi rreġistrata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Id-denominazzjoni msemmija fl-Anness għal dan ir-Regolament b'dan hija rreġistrata.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Mejju 2010.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

[1] ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.
[2] ĠU C 223, 16.9.2009, p. 23.

ANNESS

Oġġetti tal-ikel imsemmija fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 510/2006:

Klassi 2.4 Prodotti tad-dulċiera, kejkijiet, ħlewwiet u gallettini

SPANJA

Tarta de Santiago (IĠP)